Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/995

26.3.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2024/995

## tat-12 ta' Marzu 2024

## li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar dispożizzjonijiet istituzzjonali fi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera relatati mas-suq intern, dwar ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fi programmi tal-Unjoni u dwar ftehim li jifforma l-bażi għall-kontribuzzjoni permanenti tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-koeżjoni tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Matul is-snin, ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-Konfederazzjoni Żvizzera ("Żvizzera") żviluppaw lejn livell ogħla ta' integrazzjoni bejniethom. L-Iżvizzera ingħatat aċċess għal għadd ta' setturi marbuta mas-suq intern u kienu ġew awtorizzati negozjati bil-għan li titwessa' l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2014 [1], awtorizzat il-ftuħ tan-negozjati bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera dwar ftehim qafas istituzzjonali li jirregola r-relazzjonijiet bilaterali ("ftehim qafas istituzzjonali").

(3) F'Novembru 2018, il-Kummissjoni u l-Iżvizzera ffinalizzaw l-abbozz tat-test ta' ftehim qafas istituzzjonali.

(4) F'Mejju 2021, l-Iżvizzera temmet unilateralment in-negozjati dwar ftehim qafas istituzzjonali.

(5) Fi Frar 2022, il-Kunsill Federali Żvizzeru ppreżenta triq alternattiva 'l quddiem, li tikkonsisti minn pakkett wiesa' ta' miżuri relatati mar-relazzjoni bilaterali bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera, inkluż approċċ ġdid rigward l-elementi istituzzjonali. L-elementi istituzzjonali jiġu inklużi f'kull ftehim bilaterali relatat mas-suq intern aktar milli fi ftehim orizzontali.

(6) Fid-dawl tal-eżitu tat-taħditiet esploratorji li saru bejn il-Kummissjoni u l-Iżvizzera minn wara Marzu 2022, u abbażi tal-mandat tal-2014 għal ftehim qafas istituzzjonali kif ukoll mandati preċedenti għal ftehimiet dwar l-elettriku, is-saħħa, is-sikurezza tal-ikel u l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u għall-Ferroviji, il-Kummissjoni rrakkomandat li jinfetħu negozjati mal-Iżvizzera dwar pakkett wiesa', li jkun jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali biex jiġu inklużi fi ftehimiet eżistenti u futuri b'rabta mas-suq intern, li jipprevedu allinjament dinamiku mal-acquis tal-Unjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi ta' dawk il-ftehimiet u tal-acquis tal-Unjoni, u soluzzjoni ta' tilwim, kif ukoll dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat biex jiġu inklużi fi ftehimiet eżistenti u futuri b'rabta mas-suq intern. Dak il-pakkett jinkludi wkoll ftehimiet ġodda dwar l-elettriku, is-saħħa u s-sikurezza tal-ikel; ftehim li jipprevedi għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programmi tal-Unjoni; ftehim li jipprevedi għall-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali; mekkaniżmu legalment vinkolanti li jiżgura l-kontribuzzjoni finanzjarja permanenti tal-Iżvizzera għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fl-Unjoni, u elementi oħra, bħall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-aċċess għas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni u l-użu tagħhom min-naħa tagħha.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2014 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar qafas istituzzjonali li jirregola r-relazzjonijiet bilaterali.

(7) It-tkomplija tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern u t-twessigħ possibbli ta' dik il-parteċipazzjoni jippresupponu li r-regoli applikabbli għar-relazzjonijiet mal-Iżvizzera fl-oqsma koperti mill-ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera marbuta mas-suq intern (il-"ftehmiet relatati mas-suq intern") huma l-istess bħal dawk li japplikaw fis-suq intern.

(8) Sabiex tiġi żgurata l-omoġeneità u kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi fis-suq intern, il-ftehimiet relatati mas-suq intern u l-atti tal-Unjoni msemmija f'dawn jenħtieġ li jiġu applikati f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Dan jenħtieġ li jkopri l-ġurisprudenza kollha kemm jekk tkun stabbilita qabel kif ukoll wara l-konklużjoni tan-negozjati.

(9) Barra minn hekk, l-omoġeneità tirrikjedi li l-liġi attwali u futura tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-ftehimiet relatati mas-suq intern tiġi inkorporata fihom kif tiġi adottata, jew skont kif tiżviluppa jew tinbidel. Għal dak l-għan, jenħtieġ li tiġi pprovduta proċedura ta' inkorporazzjoni, inkluż limitu ta' żmien massimu għall-implimentazzjoni.

(10) Jenħtieġ li jitwaqqaf tribunal tal-arbitraġġ indipendenti biex isolvi t-tilwim. It-tribunal tal-arbitraġġ jenħtieġ li jirreferi kwistjonijiet meta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet relatati mas-suq intern tinvolvi kunċetti tal-liġi tal-Unjoni, inklużi eċċezzjonijiet u salvagwardji possibbli, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal deċiżjoni vinkolanti.

(11) Dispożizzjonijiet istituzzjonali identiċi jenħtieġ li jiġu inklużi fil-ftehimiet kollha relatati mas-suq intern eżistenti u futuri sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni koordinata u konsistenti tagħhom. Dawk id-dispożizzjonijiet istituzzjonali jiġu introdotti, b'mod partikolari, fil-ftehimiet eżistenti li ġejjin: il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni ([2]) ("Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni"), il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru ([3]) ("Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru), il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq ([4]) ("Ftehim dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq"), il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Għarfien bejn Xulxin rigward Stima ta' Konformità ([5]) u l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Kummerċ fi Prodotti Agrikoli ([6]), iffirmati kollha fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999. Dawk id-dispożizzjonijiet istituzzjonali jiġu inklużi wkoll fi ftehimiet futuri dwar l-elettriku u dwar is-sikurezza tal-ikel. Jenħtieġ li dawn japplikaw b'analoġija għal ftehim futur dwar is-saħħa, meta dak il-ftehim jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-mekkaniżmi u n-networks tal-Unjoni.

(12) Bl-għan li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-kompetizzjoni fis-suq intern, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli għall-Istati Membri u għall-Iżvizzera jenħtieġ li jiġu inklużi fil-Ftehim eżistenti dwar it-Trasport bl-Ajru u fil-Ftehim eżistenti dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq, kif ukoll fi ftehimiet futuri relatati mas-suq intern, inkluż ftehim dwar l-elettriku. Barra minn hekk, ir-rieżami ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat fl-Iżvizzera jenħtieġ li jkun ibbażat fuq regoli sostantivi u proċedurali ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

(13) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li tiġi inkorporata l-liġi attwali u futura tal-Unjoni fil-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni u li dik il-liġi tal-Unjoni tiġi interpretata f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u b'rispett għall-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni bejn l-Istati Membri u tar-reċiproċità, jista' jintlaħaq qbil dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li, irrispettivament mi-liġi futura tal-Unjoni, jirriżervaw għall-Iżvizzera l-possibbiltà li tadotta jew iżżomm ċerti miżuri. Jenħtieġ li dawk il-miżuri ma jirriżultawx fi tnaqqis tad-drittijiet li bħalissa jgawdu ċ-ċittadini tal-Unjoni skont il-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni.

(14) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li tiġi inkorporata l-liġi attwali u futura tal-Unjoni fil-qasam tal-istazzjonar tal-ħaddiema fil-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni u li dik il-liġi tal-Unjoni tiġi interpretata f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jista' jintlaħaq qbil dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li, irrispettivament mil-liġi futura tal-Unjoni, jirriżervaw għall-Iżvizzera l-possibbiltà li tadotta jew iżżomm ċerti miżuri sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-suq tax-xogħol Żvizzeru u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni.

([2]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 6.
([3]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 73.
([4]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 91.
([5]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 369.
([6]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.

(15) Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jiġi inkorporat fil-liġi attwali u futura tal-Unjoni fl-oqsma koperti mill-Ftehim dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri bil-Ferrovija u bit-Triq u li dik il-liġi tal-Unjoni jiġi interpretat f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jista' jintlaħaq qbil dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li, irrispettivament mil-liġi futura tal-Unjoni, jirriżervaw għall-Iżvizzera l-possibbiltà li tadotta jew iżżomm ċerti miżuri. Jenħtieġ li dawk il-miżuri ma jbiddlux il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport ta' Merkanzija u Passiġġieri permezz tal-Linji tal-Ferroviji u tat-Triq, li jinkludi t-trasport internazzjonali tal-passiġġieri, bl-eċċezzjoni tat-trasport tal-Iżvizzera li huwa purament domestiku, jiġifieri, it-trasport nazzjonali fuq distanzi twal, reġjonali u lokali.

(16) Bl-għan li tiġi kkonsolidata u approfondita l-kooperazzjoni fit-tul u ta' suċċess bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera, b'mod partikolari fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażagħ, l-isport u l-kultura, kif ukoll oqsma oħra ta' interess komuni, jenħtieġ li jiġi nnegozjat ftehim li jippermetti l-parteċipazzjoni aktar sistematika tal-Iżvizzera fil-programmi futuri tal-Unjoni. Dak il-ftehim ikun jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi kwalunkwe programm tal-Unjoni. It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil- programmi tal-Unjoni għall-perjodu 2021-2027, b'mod partikolari l-programmi ta' riċerka u innovazzjoni, l-attivitajiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, il-Programm Ewropa Diġitali, Erasmus+, il-Programm Ewropa Kreattiva, il-Programm EU4Health u Copernicus, jenħtieġ li jiġu maqbula wkoll.

(17) Fid-dawl tal-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fis-suq intern tal-Unjoni u sabiex jitħeġġeġ it-tisħiħ kontinwu u bbilanċjat tar-relazzjonijiet ekonomiċi u soċjali bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera, jenħtieġ li dawnjistabbilixxu mekkaniżmu ġdid legalment vinkolanti li jipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja regolari, maqbula b'mod reċiproku u ġusta mill-Iżvizzera għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali bejn ir-reġjuni tagħhom. Dak il-mekkaniżmu ġdid legalment vinkolanti jenħtieġ li jkun lest għall-qafas finanzjarju pluriennali tal-Unjoni li jmiss.

(18) Mingħajr preġudizzju għall-ambitu attwali tan-negozjati msemmija f'din id-Deċiżjoni, jekk l-Iżvizzera tesprimi interess li tkabbar l-ambitu miftiehem, ikun fl-interess tal-Unjoni li tkopri oqsma oħra, bħall-ambitu, il-modernizzazzjoni u l-evoluzzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, iffirmata fit-22 ta' Lulju 1972 ([7]), li jirrigwarda l-kummerċ ħieles, b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti agrikoli pproċessati. Tali twessigħ tal-ambitu tan-negozjati jkun jeħtieġ jiġi awtorizzat skont il-proċeduri rilevanti, b'mod partikolari peress li jinvolvi l-valutazzjoni mill-Unjoni ta' jekk dak it-twessigħ tal-ambitu tan-negozjati jkunx għadu jirrifletti l-interessi tal-Unjoni fiż-żmien rilevanti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, għal pakkett wiesa' ta' miżuri b'rabta mar-relazzjonijiet bilaterali mal-Konfederazzjoni Żvizzera, li jikkonsisti minn:

— dispożizzjonijiet istituzzjonali fi ftehimiet bilaterali, u, fejn meħtieġ, adattamenti speċifiċi għalihom;

— ftehim dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fi programmi tal-Unjoni;

— mekkaniżmu legalment vinkolanti li jipprevedi kontribuzzjonijiet finanzjarji ġusti u maqbula b'mod reċiproku mill-Iżvizzera lejn it-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali bejn ir-reġjuni; u

— dispożizzjonijiet dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Iżvizzera għall-aċċess u l-użu tagħha ta' ċerti sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni.

2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

([7]) Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera (ĠU L 300, 31.12.1972, p. 189).

*Artikolu 2*

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konsultazzjonijiet mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA), li jaġixxi bħala kumitat speċjali skont l-Artikolu 218(4) TFUE, u abbażi tad-direttivi stabbiliti fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tissostitwixxi u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2014 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar qafas istituzzjonali li jirregola r-relazzjonijiet bilaterali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2024.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
V. VAN PETEGHEM